MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2008

Appell Civili Numru. 214/2000/2

**Victor Attard, Michael Attard, Josephine Buttigieg, Carmela Zammit, Maria Debrincat, Carmela Mizzi, Frances Camilleri, Ganni Buttigieg u Beatrice Gatt**

**v.**

**Ganni Attard**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan hu appell – proprjament, kif ser naraw, zewg appelli – mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali tat-3 ta’ Frar 2006. L-appell principali ta’ l-atturi jittratta dwar il-jedd minnhom pretiz li jircievu minghand il-konvenut, abbazi tal-*culpa aquiliana*, hlas ta’ danni minnhom sofferti minhabba dewmien da parte tieghu fl-esekuzzjoni ta’ sentenza bejn l-istess partijiet deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri fis-27 ta’ Ottubru 1995 li ikkundannatu jhallashom somma flus rapprezentanti sehemhom mill-valur tal-fond Numru 38 u bieb iehor bla numru fi Triq Sant Indrija, Xewkija, Ghawdex, li kien jikkonsisti fl-ereditā ta’ Benigno u Maria konjugi Attard. L-appell incidentali tal-konvenut huwa kemm mis-sentenza preliminari ta’ l-imsemmija qorti ta’ l-1 ta’ Ottubru 2002 kif ukoll mis-sentenza finali tat-3 ta’ Frar 2006; dan l-appell jittratta wkoll dwar il-jedd pretiz mill-atturi li jithallsu minghandu danni minhabba d-dewmien fl-esekuzzjoni tas-sentenza msemmija tas-27 ta’ Ottubru 1995 u jittratta ulterjorment dwar it-terminu ta’ preskrizzjoni applikabbli ghall-azzjoni attrici in kwantu bbazata fuq il-*culpa aquiliana*.

**2.** Il-fatti li taw lok ghall-azzjoni odjerna huma bazikament is-segwenti:

- Permezz ta’ Att ta’ Citazzjoni fl-ismijiet “Victor Attard et v. Ganni Attard” Citaz. Nru. 113/93 ipprezentat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-Gurisdizzjoni Superjuri Taghha l-atturi odjerni (atturi anke fl-imsemmija proceduri) talbu l-qasma ta’ l-ereditajiet ta’ Benigno u Maria konjugi Attard;
- L-assi ereditarji tal-konjugi Attard essenzjalment kienu jikkonsistu fil-fond Numru 38 u bieb iehor bla numru fi Triq Sant Indrija, Xewkija, Ghawdex, b’gardina annessa mieghu, liema immobbli thalla mill-konjugi Attard b’titolu ta’ legat a favur il-konvenut odjern (konvenut anke fl-imsemmija proceduri giudizzjarji);
- B’sentenza pronuncjata fis-27 ta’ Ottubru 1995 dik il-qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta’ l-att ta’ immissjoni fil-pussess tal-fond immobbli iktar ‘l fuq imsemmi a favur tal-konvenut u fl-istess waqt ikkundannat

lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma komplessiva ta’ erbgha u ghoxrin elf sitt mija hamsa u tmenin lira u tnejn u sebghin centezmu (Lm24,685.72) rapprezentanti sehemhom mill-valur ta’ tali fond, u b’hekk sehemhom mill-wirt tal-konjugi Attard;

- Bi proceduri ipprezentanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-Gurisdizzjoni Superjuri Taghha fit-12 ta’ Frar 1996 fl-ismijiet “Ganni Attard v. Victor Attard et” Citaz. Nru. 38/96 u “Ganni Attard v. Victor Attard et” Citaz. Nru. 39/96, il-konvenut odjern (attur fl-imsemmija proceduri) talab rispettivament is-sospensjoni tal-proceduri ghall-bejgh in subbasta tal-fond Numru 38 u bieb iehor bla numru fi Triq Sant Indrja, Xewkija, Ghawdex, fl-ismijiet “Victor Attard et v. Ganni Attard” Subbasta Nru. 2/96, kif ukoll ir-revoka u rexissjoni tas-sentenza ta’ dik il-Qorti tas-27 ta’ Ottubru 1995 wara l-kawza fl-ismijiet “Victor Attard v. Ganni Attard” Citaz. Nru. 113/93 u s-smigh mill-gdid ta’ l-imsemmija kawza;
- It-talbiet attrici f’dawn iz-zewg kawzi inizjati minn Ganni Attard kontra Victor Attard et gew michuda mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-Gurisdizzjoni Superjuri Tagha in forza ta’ zewg sentenzi pronuncjati fil-25 ta’ Novembru 1999;
- Il-hlas mill-konvenut a favur l-atturi tas-somma ta’ Lm24,685.72 u l-kontestwali immissjoni fil-pussess mill-atturi a favur il-konvenut tal-fond imholli lilu b’titolu ta’ legat mill-konjugi Attard gew effettwati in forza ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani pubblikat fit-23 ta’ Gunju 2000;
- Fl-imsemmi kuntratt pubbliku tnizzlet klawsola fejn il-partijiet iddikjaraw li kienu qed ihallu impregudikata l-pretensjoni ta’ l-atturi odjerni fil-konfront tal-konvenut odjern ghall-hlas ta’ imghaxijiet fuq is-somma imhallsa lilhom mid-data tas-sentenza tas-27 ta’ Ottubru 1995 sad-data tal-pubblikazzjoni ta’ l-imsemmi att;
- In segwitu ghall-pubblikazzjoni ta’ l-imsemmi kuntratt u senjatament fis-26 ta’ Dicembru 2000, l-atturi istitwew l-azzjoni odjerna kontra l-konvenut fejn qed jallegaw li minhabba fis-sospensjoni ta’ l-esekuzzjoni tas-sentenza originali u r-rifjut da parti tieghu sabiex ihallashom dak lilhom dovut skond kif ordnat minn dik il-

Qorti, huma sofrew danni minhabba n-nuqqas tad-dhul tal-flus dovuti.

**<u>Talbiet u Eccezzjonijiet</u>**

**3.** L-atturi ghalhekk talbu lill-Ewwel Qorti sabiex tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni/interessi kollha sofferti minnhom b'konsegwenza tal-proceduri fl-ismijiet "Ganni Attard v. Victor Attard et" Citaz. Nru. 38/96 u tal-proceduri fl-ismijiet "Ganni Attard v. Victor Attard et" Citaz. Nru. 39/96; sabiex tillikwida tali danni; u konsegwentement sabiex tikkundanna lill-konvenut ihallashom id-danni minnha likwidati; bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 6 ta' Marzu 2000 u ta' l-ittra ufficjali mibghuta f'Mejju 2000.

**4.** B'Nota ta' l-Eccezzjonijiet ipprezentata fl-10 ta' Jannar 2001 il-konvenut eccepixxa li billi l-obbligazzjoni tieghu fil-konfront ta' l-atturi ma kenitx wahda ta' natura kummercjali u lanqas kienet *ex lege* u kellha biss bhala oggett il-hlas ta' somma determinata, id-danni li jigu mid-dewmien fl-esekuzzjoni taghha jistghu jikkonsistu biss fl-imghaxijiet fuq is-somma li kellha tinghata meqjusin bir-rata ta' 8% fis-sena u jibdew jiddekorru biss minn dakinhar li ssir sejha ghalihom b'att gudizzjarju. Fl-isfond ta' dawn il-parametri legali huwa eccepixxa li ebda danni ma huma dovuti minnu lill-atturi in kwantu qatt ma saritlu da parti taghhom interpellazzjoni gudizzjarja ghall-hlas tas-somma dovuta ai termini tas-sentenza tas-27 ta' Ottubru 1995, u li ghalhekk ukoll ma kellux ibati l-ispejjez tal-kawza.

**5.** B'Nota ta' l-Eccezzjonijiet Ulterjuri ipprezentata fil-5 ta' Lulju 2001 (fol.59) il-konvenut ulterjorment eccepixxa li l-azzjoni attrici in kwantu bbazata fuq *culpa aquiliana* hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-kaz odjern ma jittrattax dwar allegat delitt konsistenti filli ttellef lil persuna l-uzu tal-flus taghha imma jittratta dwar allegat dewmien fl-esekuzzjoni ta' obbligu ta' pagament ta' somma determinata li huwa kellu jhallas lill-atturi.

Bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet originali u ghall-eccezzjoni ulterjuri tieghu, il-konvenut eccepixxa wkoll li l-

azzjoni attrici a bazi ta' l-*culpa aquilina* hija preskritta bid-dekors tal-perjodu ta' sentejn a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

**Is-sentenzi appellati**

**6.** B'sentenza preliminari moghtija fl-1 ta' Ottubru 2002 (fol. 94) l-ewwel qorti cahdet l-eccezzjonijiet ulterjuri sollevati mill-konvenut in kwantu ikkunsidrat illi: (i) l-azzjoni attrici a bazi tal-*culpa aquiliana* ma kenitx preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili ghaliex it-terminu preskrittiv ta' sentejn beda jiddekorri mill-25 ta' Novembru 1999 ossia, mid-data taz-zewg sentenzi li iddeterminaw il-proceduri istitwiti mill-konvenut kontra l-atturi bin-Numri tac-Citazzjoni 38/96 u 39/96; u li (ii) l-atturi kienu korretti meta bbazaw l-azzjoni taghhom fuq il-*culpa aquiliana* a tenur ta' l-Artikolu 1047 tal-Kodici Civili billi ghalkemm ikkonfermat li *"huwa minnu illi finalment l-obbligazzjoni tal-konvenut tassew kienet tikkonsisti fi hlas ta' somma ta' flus"* ipprecizat *"imma, kuntrarjament ghal dak li jinghad fl-artikolu 1139, il-kaz in ezami ma kienx jinvolvi "l-hlas ta' somma determinata" ghaliex l-ammont dovut kellu jigi stabbilit mill-Qorti permezz tal-kawza fuq imsemmija, intavolata mill-istess atturi u deciza fl-1995. Inoltre dan l-artiklu jirreferi ghall-effetti ta' l-obbligazzjonijiet in generali, u allura jittratta l-kaz fejn l-obbligazzjoni tirrigwarda biss il-hlas ta' somma flus specifika"* [1].

Apparti li cahdet l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut, f'dik is-sentenza l-ewwel qorti ipprecizat li l-atturi kellhom jaghtu prova cara u konkreta tal-pretensjoni taghhom illi l-konvenut agixxa *"konsapevolment sabiex jikkawzalhom il-hsara"* u b'hekk halliet il-kawza ghall-kontinwazzjoni *"sabiex l-istess atturi jressqu l-provi taghhom dwar dak li jesigi l-istess artikolu tal-Ligi"* [2].

**7.** Bis-sentenza tat-3 ta' Frar 2006 l-ewwel qorti ddeterminat ghalhekk it-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet

[1] Fol. 98 tal-process.
[2] L-Artikolu 1047 tal-Kodici Civili.

sollevati mill-konvenut bin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet originali tieghu.

**8.** In vista ta' dak li ddecidiet fis-sentenza preliminari taghha, kif ukoll fin-nuqqas ta' prova li d-dewmien tal-konvenut li jaghmel il-hlas dovut lill-atturi fil-konsapevolezza li qed jikkawzalhom hsara, u in bazi ghall-konsiderazzjoni ulterjuri li l-atturi ma jidhirx li baqghu jinsistu ghad-danni f'dan ir-rigward tant illi permezz ta' verbal fl-udjenza tal-21 ta' Ottubru 2005 (fol. 151) iddikjaraw illi *"huma qed jinsistu biss ghall-hlas tal-imghax, u mhux ghad-danni l-ohra imsemmija fil-provi"*, l-ewwel qorti kkonkludiet illi jigi li huma dovuti biss lill-atturi l-imghaxijiet fuq is-somma msemmija fic-citazzjoni mid-data ta' l-interpellazzjoni taghhom ghal tali hlas, u cioè mill-10 ta' Mejju 2000. Dik il-qorti qalet hekk:

"Illi fil-kawża preżenti l-atturi qegħdin jirreklamaw id-danni li jippretendu li kkawżalhom il-konvenut kaġun tad-dewmien sabiex jirċievu fi flus sehemhom mill-wirt tal-ġenituri tagħhom, wara li l-ammont dovut kien ġie likwidat minn din il-Qorti stess permezz tas-sentenza tagħha tas-27 ta' Ottubru 1995 (Citaz. Nru. 113/1993 fl-istess ismijiet). Gara illi, minkejja illi dik is-sentenza għaddiet in ġudikat u għalhekk l-atturi kellhom titolu eżekuttiv a favur taghħhom, huma ma setgħux jakkwistaw dak dovut lilhom, billi s-subbasta relattiva ġiet sospiża wara li l-konvenut kien istitwixxa proċeduri ġodda biex jittenta jinvalida s-sentenza imsemmija, ż-żewg kawżi minnu ntavolati ġew deċiżi fil-25 ta' Novembru 1999, u eventwalment il-konvenut resaq sabiex jagħmel il-ħlas opportun (ara kuntratt in atti Nutar P. Pisani tat-23.6.2000 "Dok. Y" a fol. 87 - 90).

"Madankollu fuq dak il-kuntratt il-konvenut naqas li jħallas l-imgħaxijiet li l-atturi ppretendew li kellu jagħtihom ukoll, minħabba dan id-dewmien kollu. Infatti fuq l-istess kuntratt irriservaw id-drittijiet tagħhom dwar dan .

"Fis-sentenza preliminari tagħha ta' l-1 ta' Ottubru 2002, din il-Qorti ddeċidiet illi l-atturi kienu korrettement qed

jeżerċitaw l-*actio aquilina* u allura japplikaw ir-regoli f'dan ir-rigward. Kif ġie mfisser f'dik is-sentenza :

“"… l-*artikolu 1047 li fuqu qegħdin jibbażaw l-azzjoni preżenti tagħhom l-atturi, jirrigwarda azzjoni partikolari għall-ħlas ta’ danni f’każ ta’ ħtija da parti tad-debitur, taħt is-sezzjoni li tittratta* ***d-delitti u kważi-delitti .*** *L-atturi jikkontendu illi l-konvenut mhux sempliċement naqas li jħallashom dak dovut lilhom, imma għamel hekk konsapevolment sabiex jikkawżalhom il-ħsara . Hija appuntu din l-allegazzjoni li jridu għalhekk jipprovaw l-atturi fil-kors tas-smiegħ tal-kawża preżenti .*

*“Huwa minnu, kif isostni l-konvenut, illi jekk l-atturi ma jirnexxilhomx jipprovaw sodisfaċentement għal din il-Qorti l-allegazzjonijiet tagħhom, huma ser ikunu ntitolati biss għall-imgħaxijiet fuq is-somma dovuta mid-data ta' l’interpellazzjoni għall-ħlas li saritlu permezz ta’ att ġudizjarju, li fil-każ tagħna sar bl-ittra uffiċjali hawn fuq imsemmija ta’ l-10 ta’ Mejju 2000 . Imma minn naħa l-oħra f’każ ta’ eżitu favorevoli għall-atturi, huma a tenur ta’ l-artikolu 1047 tal-Kap. 16, ser ikollhom dritt ukoll għal kumpens ulterjuri, li jkun irid jiġi stabilit minn din il-Qorti, tenut kont tat-telf ta’ użu ta’ flus l-atturi b’effett mid-data tal-likwidazzjoni ta’ l-ammont dovut lilhom bis-sentenza tas-27 ta’ Ottubru 1995*."

“Imma l-atturi baqgħu qatt ma ressqu ebda provi fis-sens illi l-konvenut dam ma ħallashom dak dovut lilhom *"konsapevolment sabiex jikkawżalhom il-ħsara*." L-unika ħaġa li hija magħrufa fiċ-ċert hija li l-konvenut in segwitu għas-sentenza tas-27 ta' Ottubru 1995 ittenta inutilment jakkwista r-ritrattazzjoni tagħha. L-istess atturi ma jidhirx illi baqgħu jinsistu għad-danni f'dan ir-rigward, tant illi permezz ta' verbal fl-udjenza tal-21 ta' Ottubru 2005, ddikjaraw illi "… *huma qed jinsistu biss għall-hlas tal-imgħax, u mhux għad-danni l-oħra msemmija fil-provi*."

“Għalhekk in vista ta' dak li ddeċidiet fis-sentenza preliminari taghħha, fin-nuqqas ta' prova li d-dewmien tal-konvenut li jagħmel il-ħlas dovut lill-atturi fil-konsapevolezza li qed jikkawżalhom ħsara, jiġi li huwa

dovut biss lill-atturi l-imgħaxijiet fuq is-somma msemmija fiċ-ċitazzjoni, mid-data ta' l-interpellazzjoni tagħhom għal tali ħlas, u ċioe' mill-10 ta' Mejju 2000.

“L-ammont dovut lill-atturi kien ta' erbgha u għoxrin elf sitt mija u ħamsa u tmenin lira maltija u tnejn u sebgħin ċenteżmu (Lm24,685.72) u għaldaqstant bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena (li hija l-ogħla rata permessa mil-liġi), jigi li sad-data tal-kuntratt tat-23 ta’ Gunju 2000 huwa dovut lill-atturi bhala imghaxijiet fuq din is-somma, l-ammont ta’ Lm232.65c

**9.** Ghalhekk filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet originali tal-konvenut, laqghet it-talbiet attrici fis-sens li sabet lill-konvenut responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi konsegwenza tad-dewmien tieghu li jhallashom il-flus dovuti lilhom kif sphegat fic-citazzjoni, illikwidat tali danni fis-somma ta’ mitejn tnejn u tletin lira u hamsa u sittin centezmu (Lm232.65) rapprezentanti l-imghax legali fuq is-somma dovuta mill-konvenut lill-atturi konteggjat mill-10 ta’ Mejju 2000 sat-23 ta’ Gunju 2000, u ikkundannat lill-konvenut ihallas lill-atturi tali somma hekk likwidata, bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tas-6 ta’ Marzu 2000, ta’ l-ittra ufficjali ta’ l-10 ta’ Mejju 2000 u tas-sentenza preliminari ta’ l-1 ta’ Ottubru 2002, kontra l-konvenut.

**<u>L-appell principali</u>**

**10.** L-atturi appellaw mis-sentenza tat-3 ta’ Frar 2006 u l-aggravji taghhom essenzjalment huma li: (a) l-ewwel qorti interpretat b’mod skorrett ghall-ahhar il-verbal maghmul minnhom fil-21 ta’ Ottubru 2005 fejn huma iddikjaraw illi ‘*… huma qed jinsistu biss ghall-hlas ta’ l-imghax, u mhux ghad-danni l-ohra imsemmija fil-provi*’’; (b) bis-sentenza taghha l-ewwel qorti kienet inkonsistenti w ikkontradiciet ghal kollox id-decizjoni preliminari taghha ta’ l-1 ta’ Ottubru 2002 fejn kienet ikkonkludiet li l-azzjoni ta’ l-atturi hija bbazata fuq l-artikolu 1047 li jirregola l-*culpa aquiliana* u b’hekk eskludiet li l-kawza giet promossa skond il-parametri stretti tal-ligi li jipprovdu ghall-hlas ta’ interessi moratorji wara li ssir interpellazzjoni b’ittra

ufficjali; u (c) l-ewwel qorti kienet skorretta wkoll meta qalet li l-atturi *"baqghu ma ressqu ebda provi fis-sens illi l-konvenut dam ma hallashom dak dovut lilhom konsapevolment sabiex jikkawzalhom il-hsara"*.

**11.** Fir-Risposta tieghu ghar-Rikors ta' l-Appell ta' l-atturi, il-konvenut iddikjara li fis-sustanza s-sentenza tat-3 ta' Frar 2006 hija gusta u timmerita konferma ghaliex l-ewwel qorti korrettement stabbiliet illi l-imghax fuq is-somma li huwa kellu jhallas lill-atturi beda jiddekorri mill-10 ta' Mejju 2000, id-data ta' l-interpellazzjoni gudizzjarja permezz ta' ittra ufficjali, u intemm mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani fit-23 ta' Gunju 2000; korrettement ikkonstatat illi ma ngiebet ebda prova li huwa agixxa konsapevolment biex jikkawza hsara lill-atturi; u li bil-verbal tal-21 ta' Ottubru 2005 l-atturi, filwaqt li baqghu jinsistu ghall-hlas ta' l-imghax, irrinunzjaw ghad-danni l-ohrajn imsemmija fil-provi izda, iddikjara wkoll li ma jaqbilx ma uhud mill-motivi li fuqhom l-Ewwel Qorti bbazat id-decizjoni Taghha partikolarment dawk naxxenti mid-decizjoni preliminari moghtija fl-1 ta' Ottubru 2002 u peress li hass ruhu aggravat bid-decizjoni ta' l-Ewwel Qorti moghtija fl-imsemmija sentenza preliminari, huwa interpona appell incidentali.

**<u>L-appell incidentali</u>**

**12.** L-aggravji fuq liema l-konvenut jibbaza l-appell incidentali tieghu huma li: (a) fis-sentenza preliminari ta' l-1 ta' Ottubru 2002 l-ewwel qorti injorat ghal kollox id-dottrina u gurisprudenza kemm lokali kif ukoll estera minnu estensivament citati fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu, in partikolari fil-paragrafi 18 sa' 28 ta' l-istess Nota, in sostenn ta' l-argument tieghu li l-azzjoni tieghu ma kien hemm xejn delittwali fiha; u (b) li f'dik is-sentenza preliminari l-ewwel qorti ghamlet applikazzjoni hazina tal-principji legali fundamentali li jirregolaw il-ligi dwar il-preskrizzjoni.

**13.** Bl-appell incidentali tieghu l-konvenut qed jitlob ir-revoka kemm tas-sentenza preliminari deciza fl-1 ta' Ottubru 2002 kif ukoll tas-sentenza finali deciza fit-3 ta'

Frar 2006 b'dana li minflok ghandha tigi milqugha l-eccezzjoni tieghu li l-azzjoni *ex delicto* kif proposta mill-atturi ma hijiex ammissibbli, u subordinatament jitlob li f'kaz li din l-Qorti kellha tiddeciedi li l-azzjoni *ex delicto* ta' l-atturi giet korrettament istitwita, allura tigi milqugha l-eccezzjoni l-ohra tieghu li l-azzjoni attrici hija preskritta; u ulterjorment f'kaz li din il-Qorti kellha tiddeciedi li l-azzjoni attrici hija wahda *ex lege* ossia *ex contractu*, allura tvarja f'dan is-sens is-sentenza preliminari filwaqt li tikkonferma d-decizjoni finali ta' l-Ewwel Qorti *"sia pure ghal motivi differenti minn dawk dedotti fil-parti razzjonali tal-istess sentenza finali tal-ewwel istanza"*.

**14.** Fir-risposta taghhom ghall-appell incidentali tal-konvenut l-atturi jsostnu li s-sentenza preliminari deciza fl-1 ta' Ottubru 2002 hija gusta u ghalhekk timmerita konferma.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

**15.** Kunsidrati d-diversi sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet kontendenti in sostenn tal-posizzjonijiet rispettivi taghhom, hija l-fehma ta' din il-Qorti illi l-principju li ghandha titlaq minnu sabiex tiddetermina l-kwistjonijiet li ghandha quddiemha huwa dak enuncjat fl-Artikoli 1030 tal-Kodici Civili: *"kull min jaghmel uzu ta' jedd tieghu fil-qies li jmiss, ma jwegibx ghall-hsara li tigri b'dan l-uzu*".

**16.** Mill-provi prodotti rrizulta li fiz-zmien tas-sentenza tas-27 ta' Ottubru 1995 il-konvenut ma kellux fondi bizzejjed minn fejn ihallas lill-atturi s-somma likwidata a favur taghhom bis-sahha ta' dik is-sentenza. Billi l-konvenut naqas milli jeffetwa l-hlas, l-atturi istitwew fil-konfront tieghu l-proceduri fl-ismijiet "Victor Attard et v. Ganni Attard" Rikors Nru. 2/96 ghall-bejgh in subbasta tal-fond Numru 38 u bieb iehor bla numru fi Triq Sant Indrija, Xewkija, Ghawdex.

Rinfaccjat bil-bejgh in subbasta tad-dar residenzjali tieghu, il-konvenut istitwixxa l-proceduri fl-ismijiet "Ganni Attard v. Victor Attard et" Citaz. Nru. 38/96PC u l-proceduri fl-ismijiet "Ganni Attard v. Victor Attard et" Citaz.

Nru. 39/96PC bl-iskop li jwaqqaf il-bejgh bl-irkant tad-dar tieghu.

**17.** L-imsemmija proceduri istitwiti mill-konvenut gew decizi kontra tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Ghwdex) Gurisdizzjoni Superjuri in forza ta' zewg sentenzi entrambi pronuncjati fil-25 ta' Novembru 1999.

**18.** It-talba ghar-revoka u thassir tas-sentenza tas-27 ta' Ottubru 1995 u smigh mill-gdid tal-proceduri fl-ismijiet "Victor Attard et v. Ganni Attard" Citaz. Nru. 113/93 giet michuda ghaliex *"l-attur ma rnexxielux lanqas jissupera l-ewwel ostakolu li timponi l-ligi sabiex tkun tista' tirnexxi t-talba tieghu billi ma ressaq ebda prova konvincenti illi huwa sar jaf bil-fatti illi minhabba fihom qed jitlob ir-ritrattazzjoni wara li kien skada l-perjodu ghall-appell mill-kawza kontestata".* [3]

It-talba ghas-sospensjoni tal-proceduri ghall-bejgh in subbasta bir-Rikors Nru. 2/96 giet michuda *inter alia* ghaliex l-Ewwel Qorti ma qablitx ma' l-argument migjub mill-attur (il-konvenut odjern) *"ghaliex, l-istess ragunament tieghu jista' jwassal biss ghall-assurdità illi minkejja l-ordni tal-Qorti fis-sentenza indikata tad-divizjoni ta' l-assi tal-genituri tal-kontendenti, fis-sens li kellu jsir il-kuntratt ta' immissjoni fil-pussess favur l-attur, u l-pagamenti stipulati fl-istess sentenza lill-konvenuti f'data partikolari iffissata mill-Qorti ghal dak il-fini specifiku, l-attur jista' jibqa' jeludi d-drittijiet tal-konvenuti indefinittivament bl-iskuza illi l-kuntratt ghadu ma sarx. X'rimedju jista' jibqghlhom allura l-konvenuti f'tali cirkostanzi, jekk l-attur ghar-ragunijiet tieghu jibqa' ma jridx jersaq ghall-kuntratt ta' immissjoni fil-pussess biex huma jkunu jistghu jiehdu sehemhom mill-wirt tal-genituri taghhom fi flus jekk mhux billi jitolbu l-bejgh tal-fond in kwistjoni bis-subbasta. Ma jistax l-attur jippretendi li jibqa' jgawdi wahdu u sakemm jidhirlu l-beni in divizjoni minghajr ma jikkumpensa lill-eredi l-ohra"*. [4]

---

[3] Sentenza tal-25 ta' Novembru 1999 – ara kopja ezibita a fol. 133 sa 139.
[4] Sentenza tal-25 ta' Novembru 1999, kopja ezibita a fol. 129 sa 132.

**19.** Mill-konsiderazzjonijiet tal-qorti f'dawk iz-zewg sentenzi johrog car illi l-pretensjonijiet in bazi ghal liema l-konvenut ipprova jottjeni s-sospensjoni tal-bejgh in subbasta tal-fond Numru 38 u b'bieb iehor fi Triq Sant Indrija, Xewkija, Ghawdex, u b'hekk is-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza tas-27 ta' Ottubru 1995, ma jghaddux it-test ta' arbitrarjetà u kappricozità rikjest mill-ligi biex parti sokkombenti fi proceduri giudizzjarji ma tinzammx responsabbli ghad-danni bis-semplici fatt tal-kontestazzjoni[5].

Ghalhekk il-konvenut ma ghamilx uzu minn xi jedd tieghu fil-qies li jmiss u ghaldaqstant ghandu jirrispondi ghad-danni li setghu gew kawzati lill-atturi b'konsegwenza tad-dewmien fl-esekuzzjoni tas-sentenza tas-27 ta' Ottubru 1995.

**20.** Kontra dak pretiz mill-konvenut, id-danni li jista' jinstab responsabbli li jhallas lill-atturi mhux necessarjament ikunu limitati biss ghas-semplici imghax legali dovut b'konsegwenza tad-dewmien fl-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni tieghu fil-konfront ta' l-atturi izda, jista' jinstab responsabbli wkoll li jhallas danni li jmorru ferm oltre, kemm-il darba l-atturi jaghtu prova sodisfacenti li b'dan id-dewmien huma effettivament sofrew id-danni minnhom pretizi.[6]

**21.** Jigi precizat illi fil-kaz in ezami il-piz tal-prova mixhut fuq l-atturi huwa ferm oneruz billi in kwantu jibbazaw l-azzjoni taghhom fuq l-Artikolu 1047 tal-Kodici Civili, u b'mod partikolari fuq it-tieni subinciz ta' dak l-artikolu tal-ligi, huma ghandhom jippruvaw mhux biss id-danni sofferti a causa tad-dewmien da parte tal-konvenut fl-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni izda li l-istess konvenut agixxa konsapevolment fil-konfront taghhom bl-iskop li joholqilhom hsara.

[5] **Carmen Camilleri noe v. Joseph Bellizzi, Citaz. Nru. 1535/98** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru 2002.
[6] **Carmen Camilleri noe v. Joseph Bellizzi, Citaz. Nru. 1535/98** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru 2002.

**21.** B’hekk kienet korretta l-ewwel qorti meta, bis-sentenza preliminari taghha, irrikonoxxiet id-dritt ta’ l-atturi li jipproponu l-azzjoni attrici fil-konfront tal-konvenut bil-kwalifika espressa li fil-meritu kellhom jippruvaw b’mod sodisfacenti l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet taghhom.

**22.** Stabbilit ghalhekk illi l-atturi setghu validament jipproponu l-azzjoni odjerna fil-konfront tal-konvenut jehtieg tigi indirizzata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta’ l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili sollevata mill-konvenut fin-Nota ta’ l-Eccezzjonijet tieghu tal-5 ta’ Lulju 2001.

**23.** Fis-sentenza preliminari taghha l-ewwel qorti cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni in bazi ghall-konsiderazzjoni li *“minkejja illi dik is-sentenza* [is-sentenza tas-27 ta’ Ottubru 1995] *ghaddiet in gudikat u ghalhekk l-atturi kellhom titolu ezekuttiv a favur taghhom, huma ma setghux jakkwistaw dak dovut lilhom, billi s-subbasta relattiva giet sospiza wara li l-konvenut kien istitwixxa proceduri godda biex jittenta jinvalida s-sentenza imsemmija. Iz-zewg kawzi minnu intavolati gew decizi fil-25 ta’ Novembru 1999, u eventwalment il-konvenut resaq sabiex jaghmel il-hlas opportun (ara kuntratt in atti Nutar P. Pisani tat-23.6.2000 Dok. “Y” a fol. 87-90). Kien biss mid-data ta’ dawn is-sentenzi li l-atturi setghu jergghu jkunu certi mit-titolu ezekuttiv taghhom u jfittxu ghad-danni. F’tali cirkostanzi ghalhekk din l-eccezzjoni ma tistax tigi milqugha”* [7].

Il-motivazzjoni ta’ l-Ewwel Qorti ghad-decizjoni Taghha dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut hija korretta u din il-Qorti taqbel maghha pjenament.

**24.** Ir-regola generali enuncjata fl-Artikolu 2137 tal-Kodici Civili tipprovdi li l-preskrizzjoni ta’ azzjoni tibda tghaddi mill-gurnata li fiha l-azzjoni tista’ tigi ezercitata. Din ir-regola generali però dejjem giet ikkwalifikata bil-konsiderazzjoni li jekk tirrizulta impossibilità li wiehed jagixxi, it-terminu preskrittiv relattiv jigi sospiz u jibda jghaddi biss meta dik l-impossibilità tigi rimossa. Biex tali sospensjoni però tiehu effett *“l-impossibilità li wiehed*

[7] Sentenza preliminari ta’ l-1 ta’ Ottubru 2002, fol. 94.

*jagixxi trid tkun impossibilità indipendenti mill-volontà tieghu, dovuta ghal kawza estranea, li huwa ma setax jirrimwuovi"* [8].

**25.** Fil-kaz in ezami ma hemm ebda dubju li minhabba l-proceduri istitwiti mill-konvenut kontra l-atturi fl-1996 gew sospizi mhux biss il-proceduri ghall-bejgh in subbasta fl-ismijiet "Victor Attard et v. Ganni Attard" Rikors Nru.2/96 izda, giet sospiza wkoll l-esekuzzjoni tas-sentenza tas-27 ta' Ottubru 1995.

Ghalhekk pendenti l-ezitu ta' dawk il-proceduri l-atturi kienu fl-impossibilità li jesegwixxu t-titolu taghhom kontra l-konvenut, impossibilità li giet ikkreata minn fatt indipendenti mill-volontà taghhom u dovuta ghal kawza estranea li ma setghux jirrimwovu. B'hekk, kif sewwa qalet l-ewwel qorti fis-sentenza preliminari taghha, l-atturi setghu jezercitaw l-azzjoni odjerna kontra l-konvenut biss wara s-sentenzi tal-25 ta' Novembru 1999 u ghalhekk it-terminu ta' sentejn beda jiddekorri biss minn dakinhar u ma kienx iddekorra sa' meta intavolaw dawn l-istess proceduri kontra tieghu.

**26.** Ghaldaqstant, din il-Qorti tikkonferma dak deciz mill-ewwel qorti fis-sentenza preliminari taghha li l-azzjoni attrici ma hijiex preskritta bid-dekors ta' sentejn a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

**27.** Trattati dawn il-kwistjonijiet li fuqhom kienu essenzjalment ibbazati l-aggravji ta' l-appell incidentali tal-konvenut, din il-Qorti ser tghaddi issa biex tittratta u tikkonsidra l-aggravji sollevati mill-atturi fl-appell principali taghhom.

**28.** Sa issa din il-Qorti irrikonoxxiet li l-atturi ghandhom dritt jitolbu minghand il-konvenut il-hlas ta' danni, oltre s-semplici imghaxijiet moratorji, li huma setghu sofrew kawza tad-dewmien da parti ta' l-istess konvenut fl-esekuzzjoni tas-sentenza tas-27 ta' Ottubru 1995, basta li huma jaghtu prova sodisfacenti ta' dawn id-danni.

[8] **Mario Testa v. Alfred Theuma et, Appell Civili Nru. 1614/01** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta' Mejju 2003.

Ghalhekk issa jrid jigi determinat jekk il-prova rikjesta mill-atturi saritx minnhom b'mod sodisfacenti.

**29.** L-atturi identifikaw in-natura tad-danni minnhom pretizi minghand il-konvenut b'mod ben preciz meta impostaw l-azzjoni taghhom fuq l-Artikolu 1047 tal-Kodici Civili, partikolarment fuq it-tieni subinciz ta' dak l-artikolu tal-ligi.

Huma jikkontendu mhux biss li sofrew danni b'konsegwenza tad-dewmien da parte tal-konvenut fl-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni tieghu fil-konfront taghhom izda, jenfasizzaw li tali hsara saritilhom konsapevolment mill-konvenut. B'hekk huma qed jippretendu, jew ghall-inqas ghall-bidu hekk kienu qed jippretendu, mhux biss is-semplici imghaxijiet moratorji izda, indennizz/danni ulterjuri konsistenti f'telf ta' qligh li setghu jaghmlu minn fuq is-somma imhallsa a tempo debito billi jselfu tali flus lil terzi. Din il-pretensjoni taghhom hija ibbazata fuq l-allegazzjoni li l-konvenut agixxa b'mod doluz u konsapevoli fil-konfront taghhom bl-iskop specifiku li joholqilhom din il-hsara.

**30.** Biex l-atturi jkunu intitolati ghall-indennizz/danni ulterjuri minnhom pretizi in bazi ghall-Artikolu 1047(2) tal-Kodici Civili ghandhom l-ewwel qabel kollox jippruvaw l-intenzjoni doluza tal-konvenut fil-konfront taghhom.

**31.** Din il-Qorti già ikkunsidrat illi bil-proceduri minnu istitwiti fl-1996 il-konvenut ma ghamilx uzu minn xi jedd tieghu fil-qies li jmiss, u ghalhekk irid jirrispondi ghad-danni kawzati mid-dewmien ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza tas-27 ta' Ottubru 1995 izda, b'daqshekk ma jfissirx illi huwa agixxa b'mod doluz u konsapevoli fil-konfront ta' l-atturi bl-iskop li joholqilhom il-hsara.

Kif sewwa qalet l-ewwel qorti fis-sentenza tat-3 ta' Frar 2006[9] l-unika haga li irrizultat fic-car hija li l-konvenut ipprova, inutilment, jottjeni r-ritrattazzjoni tal-kawza deciza bis-sentenza tas-27 ta' Ottubru 1995 u b'hekk iwaqqaf il-bejgh in subbasta tad-dar residenzjali tieghu izda, ma

[9] A fol. 156 tal-process.

tressqet ebda prova cara u inekwivoka mill-atturi li l-intenzjoni tal-konvenut wara l-agir tieghu kienet wahda doluza immirata specifikatament biex issirilhom hsara kif previst fl-Artikolu 1047(2) tal-Kodici Civili.

**32.** Ta' min jinnota f'dan l-istadju l-verbal li ghamlu l-atturi quddiem l-ewwel qorti waqt is-seduta tal-21 ta' Ottubru 2005. F'dak il-verbal huma iddikjaraw illi *qed jinsistu biss ghal hlas tal-imghax, u mhux ghad-danni l-ohra msemmija fil-provi.* [10]

**33.** Dan il-verbal sar wara li l-istadju tal-provi ghaz-zewg nahat kien maghluq u ezatt qabel ma giet trattata l-kawza. Fid-dawl ta' tali verbal l-ewwel qorti fis-sentenza taghha tat-3 ta' Frar 2006 ikkunsidrat illi *"l-istess atturi ma jidhirx illi baqghu jinsistu ghad-danni f'dan ir-rigward"* [11] ossia, ta' l-indenizz talvolta dovut ai termini ta' l-Artikolu 1047(2) tal-Kodici Civili, izda biss fuq l-imghaxijiet moratorji dovuti b'konsegwenza tad-dewmien fl-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni, u b'hekk ghaddiet biex tillikwida l-imghaxijiet moratorji effettivament dovuti lill-atturi.

**34.** Din il-Qorti taqbel mal-mod kif l-Ewwel Qorti interpretat il-verbal ta' l-atturi tal-21 ta' Ottubru 2005 u hi ukoll hija tal-fehma li b'dak il-verbal l-atturi kienu qed jirrinunzjaw ghall-pretensjoni taghhom ghal indennizz ulterjuri a tenur ta' l-Artikolu 1047(2) tal-Kodici Civili.

**35.** Fil-kawza fl-ismijiet Pulizija v. Borg deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-18 ta' Jannar 1941 intqal li *"l-atti tal-Qorti ghandhom jittiehdu dejjem li saru sewwa u hu biss f'kaz ta' ambigwità f'dak li hemm registrat li l-Qorti tista' tisma' sottomissjonijiet orali dwar x'ried jigi mfisser bil-verbal registrat."* [12]

**36.** Fil-fehma ta' din il-Qorti l-verbal ta' l-atturi huwa car u ftit ihalli lok ghal dubju u ghal spjegazzjonijiet dwar x'ried jigi mfisser bih. Huwa ghal kollox inutili li l-atturi illum

---

[10] A fol. 151 tal-process.
[11] A fol. 156 tal-process.
[12] Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta – Volum XXXI – iv – 391.

jilaghbu bil-kliem biex jaghtu tifsira differenti ghal dak minnhom dikjarat waqt is-seduta tal-21 ta' Ottubru 2005.

Ghalkemm illum l-atturi jikkontendu li l-ammonti oltre l-imghaxijiet moratorji li kienu qed jippretendu minghand il-konvenut kienu imghaxijiet ukoll, mill-affidavit ta' Victor Attard u anke mir-rikors ta' l-appell taghhom johrog car li dan l-imghax l-iehor, jekk wiehed irid isejjahlu hekk, gie pretiz bhala indennizz jew dannu ulterjuri kawzat mill-allegat agir doluz tal-konvenut fil-konfront taghhom a tenur ta' l-Artikolu 1047(2) tal-Kodici Civili. B'hekk fid-dawl ta' tali pretensjoni hekk cara ta' l-atturi l-unika vera interpretazzjoni tad-dikjarazzjoni taghhom maghmula fil-verbal waqt l-udjenza tal-21 ta' Ottubru 2005 hija li f'dak l-istadju kienu qed jillimitaw il-pretensjonijiet u konsegwenti talbiet taghhom biss ghall-imghaxijiet moratorji.

**37.** Fi kwalunkwe kaz anke kieku stess din il-Qorti kellha taccetta l-argument ta' l-atturi illi bil-verbal tal-21 ta' Ottubru 2005 huma kienu qed jirrinunzjaw biss ghall-pretensjoni taghhom dwar il-flus li kienu jdahhlu kieku investew is-somma li kellu jaghtihom il-konvenut u dwar kemm tilfu flus hut Victor Attard biex assistew fl-ghejxien tieghu pendenti l-hlas ta' l-ammonti imsemmija, xorta jibqa' l-fatt li ma rnexxilhomx jippruvaw intenzjoni doluza da parte tal-konvenut intiza specifikatament biex taghmlilhom hsara.

**38.** Kunsidrat dan kollu hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-unici danni li huma intitolati ghalihom l-atturi minhabba d-dewmien kawzat mill-konvenut fl-esekuzzjoni tas-sentenza tas-27 ta' Ottubru 1995 bl-istituzzjoni tal-proceduri gudizzjarji fl-1996, huma l-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fuq is-somma ta' Lm24,685.72 dekoribbli sad-data ta' l-effettiv pagament[13].

**39.** L-obbligazzjoni tal-konvenut fil-konfront ta' l-atturi kif naxxenti mis-sentenza tas-27 ta' Ottubru 1995 kienet tikkonsisti fil-hlas ta' somma determinata – u mhux mod iehor kif qalet l-ewwel qorti fis-sentenza preliminari – u billi

[13] Artikolu 1047(1) u Artikolu 1139 tal-Kodici Civili.

din l-obbligazzjoni ma kenitx wahda ta’ natura kummercjali l-imghax legali fuq is-somma dovuta seta’ jibda jiddekorri biss minn dakinhar li l-istess konvenut gie giudizzjarjament interpellat mill-atturi biex jeffettwa l-hlas[14].

**40.** Mill-provi rrizulta li l-interpellazzjoni giudizzjarja mill-atturi lill-konvenut biex ihallashom is-somma ta’ Lm24,685.72 saret fl-10 ta’ Mejju 2000 u l-pagament gie effettwat mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani fit-23 ta’ Gunju 2000. Ghalhekk, l-imghaxijiet fuq is-somma imsemmija bir-rata ta’ 8% konteggjati mill-10 ta’ Mejju 2000 sat-23 ta’ Gunju 2000 jammontaw ghal **mitejn tlieta u erbghin lira u tmienja u erbghin centezmu (Lm243.48) ekwivalenti ghal hames mija sebgha u sittin Euro u sittax-il centezmu (€567.16).**

F’dan ir-rigward jinghad illi ma kenitx korretta l-Ewwel Qorti fis-sentenza Taghha tat-3 ta’ Frar 2006 meta illikwidat l-imghaxijiet dovuti lill-atturi mill-konvenut fis-somma ta’ Lm232.65 – jigifieri €541.58.

**41.** B’hekk, ghalkemm l-atturi kellhom dritt jipprocedu bl-azzjoni taghhom kontra l-konvenut kif proposta ghaliex (a) tali azzjoni guridikament kienet tikkompeti lilhom u (b) ma kenitx preskritta a tenur ta’ l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili, fattwalment huma ma rnexxilhomx jippruvaw b’mod sodisfacenti l-elementi necessarji biex oltre l-imghaxijiet moratorji jithallsu wkoll indennizz ulterjuri a tenur ta’ l-Artikolu 1047(2) tal-Kodici Civili, kif minnhom pretiz.

Ghaldaqstant id-danni dovuti lilhom mill-konvenut ghad-dewmien fl-esekuzzjoni ta’ l-obbligazzjoni naxxenti mis-sentenza tas-27 ta’ Ottubru 1995 ghall-hsara kawzata jammontaw ghal hames mija sebgha u sittin Euro u sittax-il centezmu (€567.16).

## <u>Decide</u>

[14] Artikolu 1141(2) tal-Kodici Civili.

**42.** Ghall-motivi premessi, filwaqt li tilqa' l-appell principali ta' l-atturi limitatament ghall-*quantum* ta' l-imghaxijiet dovuti, u tichad l-appell incidentali tal-konvenut, tikkonferma s-sentenza preliminari ta' l-1 ta' Ottubru 2002 u tirriforma s-sentenza finali tat-3 ta' Frar 2006 fis-sens illi filwaqt li tikkonferma d-decizjoni dwar ir-responsabbilità tal-konvenut fir-rigward ta' l-atturi ghall-hlas tad-danni minnhom sofferti b'konsegwenza tad-dewmien biex ihallashom l-flus minnu lilhom dovuti, thassarha fejn illikwidat dawn id-danni fis-somma ta' Lm232.65, u minflok tillikwida tali danni, konsistenti fl-imghax bir-rata ta' 8% dekoribbli fuq is-somma ta' Lm24,685.72 konteggjati mill-10 ta' Mejju 2000 sat-23 ta' Gunju 2000, fis-somma hames mija sebgha u sittin Euro u sittax-il centezmu (€567.16), u tikkundanna lill-konvenut appellat ihallas lill-atturi appellanti din is-somma hekk likwidata.

**43.** L-ispejjez relattivi ghall-proceduri in Prim Istanza (li jinkludi l-ispejjez konnessi mas-sentenza preliminari) ghandhom jithallsu skond kif deciz mill-ewwel qorti fis-sentenza taghha tat-3 ta' Frar 2006, filwaqt illi l-ispejjez ta' l-appell principali ghandhom jigu sopportati mill-atturi u l-ispejjez ta' l-appell incidentali ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------